**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 165/2018**

**Brian Galea, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 640382(M) flimkien ma' martu Anna Vladimirovna Galea, detentrici tal-Karta tal-Identita' numru 322917(L)**

**vs**

**Adam Cilia, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 351914(L) u ghal kull interess li ghandhom Clint Said, detentur tal-karta tal-identita' numru 438886 u Joseph Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' numru 325479M**

*Sentenza dwar l-istitut tal-kontumacja*

**Illum, 08 ta' Mejju 2019**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

> “Illi r-rikorrenti huma s-sidien ta’ propjeta’ enumerata wiehed (1) li hija formanti minn blokka ta’ appartamenti bl-isem ‘Queen’s Court’, liema blokka ghandha n-numru sitta u ghoxrin (26) b’dahla ghaliha min fejn hemm il-Victoria Junction u liema propjeta’ ghandha dahla separata ohra enumerata sebgha u ghoxrin (27) fi Triq Dingli f’Tas-Sliema. Din il-propjeta’ tinsab fuq il-pjan terrran tal-blokka ‘Queen’s Court’.
>
> Illi fid-data tal-wiehed (1) ta’ Dicembru tas-sena 2017, il-konjugi Galea qua rikorrenti dahlu fi Skrittura Privata ta’ Kera bhala s-sidien tal-propjeta’ in kwistjoni u cioe’ l-propjeta’ numru wiehed (1) formanti ma’ blokka ta’ appartamenti bl-isem ‘Queen’s Court’, liema blokka ghandha n-numru sittta u ghoxrin (26) u li ghaliha tidhol minn Victoria Junction, u liema propjeta’, ghandha dahla separata enumerata sebgha u ghoxrin (27) adjacenti Triq Dingli f’Tas-Sliema, flimkien mal-inkwilin u qua intimat, Adam Cilia bil-kera ta’ EUR1,300 kull xahar bil-quddiem eskluz il-hlasijiet ghall-uzu u l-konsum tad-dawl u l-ilma ghal liema hlasijiet il-partijiet fthemu li jithallas l-ammont ta’ EUR200 kull xahar ghal tali uzu u konsum. Din l-iskrittura privata tinsab annessa u mmarkata bhala Dok. B.A.G. 2;
>
> Illi fuq l-imsemmija Skrittura Privata ta’ Kera, in-Nutar Pubbliku Dr. Angelo Rapa li hija x-xhud tal-firem tal-partijiet de quo u cioe’ fuq in-naha wahda, is-sidien tal-kera qua rikorrenti, Brian Galea u Anna Vladimirovna Galea u fuq in-naha l-ohra, l-inkwilin u qua konvenut, Adam Cilia.

Illi Klawzola numru sebgha (7) ta' din l-iskrittura privata ta' kera surriferita datata l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena 20127 tistipula b'mod car illi l-inkwilin u cioe' Adam Cilia ma jistax jikri jew jissulloka bi kwalunkwe mod il-propjeta' in kwistjoni u mertu ta' din il-kawza lil terzi, minghajr ma dan ikollu l-kunsens mis-sidien u cioe' minn Brian Galea u Anna Vladimirovna Galea, liema kunsens irid jinghata bil-miktub. Klawzola numru sebgha (7) tghid:

'The lessees may not sub-let the said property to third parties unless prior written consent of the lessors is granted and the lessors reserve the right to charge a premium on such sub-letting.';

Illi klawzola numru wiehed u ghoxrin (21) tal-iskrittura privata ta' kera surreferita tipprovdi ulterjorment illi ghal matul it-terminu kollu tal-ftehim li ghandu durata ta' hames snin, sakemm ma jkunx hemm il-kunsens tas-sidien tal-kera bil-miktub, l-inkwilin Adam Cilia, ma jkollu l-ebda jedd li jidhol f'xi forma ta' ftehim ma' partijiet terzi, fejn l-immaniggjar u l-operat tal-propjeta' mikrija lilu tigi delegata jew sahansitra trasferita minn l-isemmi inkwilin lil partijiet terzi. Klawzola wiehed u ghoxrin (21) tghid:

'During the whole term of this agreement, unless with prior written consent of the lessors, the lessees are not allowed to enter into any form of agreement with the third parties, under any title or other form, by means of which the effective and the actual management and operation of the premises is delegated or otherwise transferred by the lessee to the third parties.";

Illi f'Ottubru tas-sena 2017, is-sidien tal-kera u qua rikorrenti marru gewwa l-proprjeta' taghhom u sabu sat ta' fatt quddiem

ghajnejhom illi kienu saru xi xogholijiet strutturali min-naha tal-inkwilin Adam Cilia u dan minghajr ma huma kienu avzati u kien tard wisq sabiex huma jirregolaw is-sitwazzjoni inkwantu l-bini tal-propjeta' taghhom;

Illi ftit taz-zmien wara r-rikorrenti saru jafu li kien sar ftehim minn wara daharhom u minghajr ebda konsapevolezza taghhom, ta' fatt jew ta' dritt, permezz ta' skrittura privata ta' kera bejn l-intimat, Adam Cilia fuq in-naha l' wahda u Clint Said u Joseph Camilleri, fuq in-naha l-ohra;

Illi r-rikorrenti wara li ddiskutew din is-sitwazzjoni mal-intimat Adam Cilia skoprew li dan ta' l-ahhar dahal fi ftehim ta' kera nkwadrat fi skrittura privata datata l-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena 2017, fejn Adam Cilia jidher bhala s-sid tal-kera tal-propjeta' in kwistjoni, filwaqt li Clint Said flimkien ma' Joseph Camilleri jidhru bhala l-inkwilini tal-imsemmija propjeta' mertu ta' din il-kawza. Din l-skrittura tinsab annessa u mmarkata bhala Dok B.A.G. 1;

Illi b'hekk l-iskrittura privata ta' kera datata l-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena 2017 hija kjarament skrittura li tinkwadra ftehim illegali u abbusiv, gialadarba saret fl-assenza tas-sidien tal-propjeta' in kwistjoni, minn wara daharhom u sahansitra minghajr ma dawn taw il-kunsens taghhom bil-miktub ghal tali ghas-sullokazzjoni. Per di piu' is-sullokazzjoni ma kienetx permessa hekk kif tistipula l-iskrittura privata ta' kera ta' l-ewwel ta' Dicembru tas-sena 2017 kkontrattata mir-rikorrenti konjugi Galea u mill-qua konvenut Adam Cilia;

Illi llum il-gurnata Brian u Anna Vladiminovna Galea jinsabu f' pozizzjoni u pregudizzju serju u grossolan vis-à-vis il-propjeta' taghhom li qieghda tigi okkupata illegalment minhabba li giet ikkonstitwita din l-iskrittura privata ta' kera ta' nhar l-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena 2017 li fil-verita' hija wahda abbuziva u simulata biex wiehed jattira lejh gwadann ingust u illegali;

Illi inoltre hareg b'mod car illi Adam Cilia, li huwa l-inkwilin originali skond kif kien ikkuntrattat permezz tal-iskrittura, kiser il-provvedimenti kuntrattwali tieghu wkoll u allura r-rikorrenti qeghdin ukoll fi pregudizzju serju hafna meta wiehed jgharaf illi ghandek inkwilin illi irrispettivament min dak mifthiem u koncess, ghazel li jikser serjament il-kuntratt ta' kera b'dan il-mod u allura ma ghandux iktar tollerat fl-okkupazzjoni tieghu;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijet elenkati u surreferiti f'dan ir-rikors, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex;

1. Jiddikjara u jikkonferma illi l-iskrittura privata ta' kera datata l-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena bejn il-kontraenti Adam Cilia detentur tal-karta tal-identita numru 351914(L) fuq naha, u Clint Said flimkien ma' Joseph Camilleri fuq in-naha l-ohra, hija totalment illegali, stante li saret b'mod abbuziv, simulat u minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tar-rikorrenti, u ghalhekk din l-istess iskrittura hija wahda nulla u minghajr ebda effett fil-fatt u fid-dritt;

2. Jiddikjara u jikkonferma ulterjorment illi l-iskrittura privata ta' kera datata wiehed (1) ta' Dicembru tas-sena 2017 illi saret bejn Brian Galea, detentur tal-karta tal-identita' numru

640382(M) u Anna Vladimirovna Galea, detentrici tal-arta ta' l-identita' numru 322917(L) u Adam Cilia, detentur tal-karta tal-identita' numru 351914(L) ghandha tigi meqjusa bhala nulla u minghajr aktar effett, kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante illi inkissru zewg provvedimenti kuntrattwali ossia l-klawzola numru (7) kif ukoll klawzola numru (21) tal-imsemmija skrittura;

3. Jordna b'mod sussegwenti illi z-zewg skritturi privati ta' kera datati l-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena 2017 u l-wiehed (1) ta' Dicembru 2017 rispettivament u bejn il-partijiet kollha rispettivi ghalihom ghandhom jigu revokati minnufih billi okkorendo tahtar Nutar pubbliku sabiex ihejji, jippubblika u jinsinwa l-att relattiv ta' revoka ta' dawn l-iskritturi fid-data u l-hin jew entro t-terminu perentorju illi dan il-Bord joghgbu jiffissa u jipprefiggi;

4. Tordna b'mod sussegwenti sabiex l-intimati Adam Cilia flimkien ma' Clint Said u Joseph Camilleri jizgombraw mill-fond de quo u cioe mill-fond wiehed (1) li huwa formanti minn blokka ta' apaprtamenti bl-isem 'Queen's Court" liema blokka ghandha numru sitta u ghoxrin (26) b'dahla ghaliha minn fejn hemm il-Victoria Junction u liema fond ghandu dahla separata enumerata sebgha u ghoxrin (27) fi Triq Dingli f'Tas-Sliema, fi zmien qasir u perentorju illi dan il-Bord joghgbu jiffissa u jipprefiggi.

Bl-ispejjez tal-prezenti u taz-zewg ittri legali datati tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju ta' din is-sena u tnejn u ghoxrin (22) t# Awwissu ta' din is-sena."

Ra illi l-intimati ma prezentaw l-ebda risposta, minkejja li debitament notifikati.

Ra r-rikors tal-intimat Adam Cilia tas-26 ta' Marzu 2019.

Ra r-risposta tar-rikorrenti tat-12 t'April 2019.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-imsemmi rikors tal-intimat Adam Cilia fejn talab li dan il-Bord jghogbu jawtorizzah jipprezenta risposta ghall-kawza odjerna.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

Illi dan huwa rikors tal-intimat sabiex jiggustifika dik li jsejhilha "kontumacja" tieghu fil-proceduri odjerni.

Illi r-rikorrenti qed jopponi tali talba ghar-ragunijiet kontenuti fir-risposta tieghu.

**Principji Legali u Gurisprudenza dwar l-istitut tal-Kontumacja**

Illi fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2005, Appell Civili Numru:126/2003 fl-ismijiet **Noel Calleja, George Calleja, Michelle Calleja, Michelangelo u Anna konjugi Calleja vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited,** Il-Qorti tal-Appell dahlet fid-dettal dwar il-principji applikabbli ghall-istitut tal-kontumacja u qalet hekk fil-kunsiderazzjonijiet taghha:

*"6. L-istitut tal-kontumacja li dwaru gie interpost l-appell in ezami minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali (ara wkoll id-decizjoni in re: Vella pro et nomine v. Vella, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II – 170).*

*7. Ghal bidu, l-aspett punittiv konsistenti fl-eskluzjoni talkonvenut milli jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet kien jigi adoperat ad unguem minn dawn il-Qrati izda, tenut kont ta' cirkostanzi varji li kienu jindikaw u jesigu mitigazzjoni fir-regoli tal-procedura, l-istess Qrati bdew, fil-kazi fejn ikun hekk indikat u fl-ahjar sens ta' gustizzja, 'ixellfu' din ir-rigidita` u dan sewwa sew minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja kienet iggib maghha. Fil-fatt jirrizulta – anke mid-diversi decizjonijiet citati miz-zewg partijiet fil-kawza – li l-Qrati taghna iddecidew li r-rigorozita` tal-procedura ghandha tigi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies bhala wahda gustifikata.*

*8. Mal-milja taz-zmien anke l-legislatur hass il-bzonn li jintroduci emendi ghal dan l-istitut – hekk ara l-Att XXIV tal-1995 b'referenza ghall-Artikolu 158 tal-Kap. 12. Iz-zmien ghall-prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet gie estiz ghal ghoxrin jum u*

*fil-kaz ta' kontumacja nghatat anke l-possibilita` ta' prezentata ta' nota ta' osservazzjonijiet – in omagg tal-principju ribadit fil-gurisprudenza kostanti taghna li mqar jekk f'istat ta' kontumacja, il-parti mharrka kellha titqies bhala wahda li qeghda tirrimetti ruhha ghall-gustizzja tal-Qorti u b'ebda mod ma hi qed tammetti t-talba.*

*9. Sfortunatament gara wkoll li maz-zmien il-flessibilita` li bdiet turi l-Qorti skond il-kaz, dejjem fl-interess tal-gustizzja, waslet ghal certa nuqqas ta' uniformita` u f'certi kazi anke waslet ghal decizjonijiet inkongruwi ghal xulxin. Kaz fejn il-fattispecie tieghu kienu pjuttost jiffavorixxu l-gustifikazzjoni tal-kontumacji gieli gie michud, filwaqt li kaz iehor fejn in-nuqqas kien jidher aktar evidenti u mhux skuzabbli gieli gie accettat bhala wiehed skuzabbli. Fil-fatt anke fil-kaz in ezami, wiehed jista' jikkostata li certi decizjonijiet u certi enuncjazzjonijiet moghtija mill-Qrati gew citati sija minn parti u sija minn ohra, u dan in proprja difesa, ghas-semplici raguni li l-punt ta' divergenza ma jkunx proprjament konness mal-principju involut imma ma' l-applikazzjoni jew ma' l-interpretazzjoni ta' l-istess principju.*

*10. Dan kollu qieghed jinghad ghar-raguni li din il-Qorti hija tal-fehma li wasal iz-zmien fejn dawn il-fehmiet, kif jemanu mid-decizjonijiet ta' dawn il-Qrati, dwar l-istitut tal-kontumacja, jergghu jigu kemm jista' jkun arginati b'mod li jkunu aktar konsistenti u uniformi ma' xulxin. Wara kollox, il-bazi tar-regoli tal-procedura hija dik tac-certezza tad-dritt. Decizjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti serviet bhala punt ta' tluq ghal dak li jikkoncerna l-istitut tal-kontumacja u l-principji li ghandhom jirregolawha hija dik fl-ismijiet Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol*

*XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin:*

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;*

*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*

*(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.*

*Dawn l-istess principji gew riaffermati f'diversi decizjonijiet ta' dawn il-Qrati fosthom* ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici****, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru*

*1975, u d-decizjoni fl-ismijiet* ***Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.*

*11. Kif gia` nghad supra, l-Artikolu 158 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta gie emendat. Is-socjeta` appellanti irriferiet partikolarment ghas-subartikolu 10, in bazi ta' liema l-kontumacja tista' tigi sanata jekk l-imharrek jirnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa kellu "raguni tajba li ghaliha naqas li jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni fiz-zmien li jmiss."*

*Jekk wiehed iqabbel dan is-subartikolu ma dak li gie elenkat fis-sentenza surreferita "***Bugeja v. Ellul***" (ara paragrafu 10) isib li hemm konvergenza. Dan maghdud, pero`, xorta wahda jibqa' mhux ghal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawza gusta" meta mill-principju wiehed jghaddi ghall-ezami tal-fatti. Fil-fatt gara li ftit ftit bdiet tidhol il-prassi - ghalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumacja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawza, allura dan beda jitqies bhala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumacja li trid tirrizulta biex il-kontumacja ma tigix iggustifikata. Din il- Qorti trid taghmilha cara li gustifikazzjoni merament bazata fuq il-prezenza tal-parti mharrka fl-ewwel appuntament tal-kawza m'huwiex bizzejjed bhala turija li ma hemmx dispett jew kontumacja lejn l-awtorita` gudizzjarja. Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici*

*ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."*

Illi l-Qrati taghna kellhom okkazzjonijiet ukoll jiddikjaraw dwar nullita' o meno tan-notifika u kif dan jimpingi fuq l-istitut tal-kontumacja. Hekk il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-7 ta' Mejju, 2004 Appell Civili Numru. 5/2003/1fl-ismijiet **Jesmond u Beatrice konjugi Sacco vs Concetta u Dennis konjugi Charles** qalet hekk:

*"Huwa evidenti mill-kontenut tal-aggravji illi, apparti l- meritu, hawn ghandna zewg kwestjonijiet preliminari li jehtiegu ezami, epurazzjoni u decizjoni qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu. Dawn iz-zewg kwestjonijiet jikkoncernaw in-nullita` tan-notifika tal-atti fir-rigward ta' wiehed mill-appellanti u l-fatt tal-kontumacja.*

*Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Novembru 1989 fil-kawza fl-ismijiet "**Emanuel Stellini - vs- Carlo Vella et**", "il-kwestjoni tan-nullita` tan-notifika 'de quo' u l-kontumacja tal-konvenut huma zewg kwestjonijiet differenti. Infatti kieku n-notifika tac-citazzjoni kienet nulla l-appellant ma kienx jista' jkun meqjus li kien kontumaci u l-kawza ma kienetx tista' timxi l-quddiem qabel ma l-konvenut jigi notifikat mill-gdid skond il-ligi".*

*Kwantu ghal kontumacja, mbaghad, hu ferm pacifiku illi ghalkemm il-kontumaci mhux prekluz li jappella u jitratta huwa pero` ma jistax igib provi u xhieda quddiem din il- Qorti kemm il-darba ma jiggustifikax in-nuqqas tieghu **(Kollez Vol XXXI pI p139; Vol XLII pI p517)**.*

*Premessa din l-introduzzjoni, jibda biex jigi osservat illi fir-rigward tan-notifika ta' atti gudizzjarji l-ligi tipprovdi f'termini precizi kif din kellha ssir u f'idejn min setghet tithalla kopja tal-iskrittura. Hekk l-Artikolu 185 tal-Kap 12 jahseb ghal kaz illi fejn tnejn minn nies li jenhtieg jigu notifikati bi skrittura, wkoll jekk jghixu fl-istess indirizz, dawn ghandhom kull wiehed minnhom jigi nnotifikat b'kopja ta' dik l-iskrittura. L-Artikolu 187 (i) imbaghad jippreciza illi l-kopja destinata lil min ghandu jigi hekk innotifikat tista' tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad- dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha.*

*Minn ezami tal-atti, kompriz ir-riferti tal-Marixxal u l-'pink cards', dan hu dak li fil-fatt sehh f'dan il-kaz. Il-konvenuti gew notifikati b'kopja kull wiehed tal-iskritturi u dawn thallew f'idejn persuna li skond il-ligi setghet tircevihom. Anzi, strettament f'dan il-kaz lanqas ma jista' jinghad jekk il-kopja destinata lill-appellanti Dennis Charles thallietx f'idejn martu jew inghatatx direttament lilu. Apparentement kemm skond il-pink cards, fejn iz-zewg firem huma ben distinti, kif ukoll skond ir-riferti tal-Marixxal ma jirrizultax illi l-iskrittura destinata lill-imsemmi appellant thalliet f'idejn xi haddiehor, membru tal-familja, u mhux f'idejn l-istess appellant."*

Illi f'diversi okkazjonijiet ukoll Il-Prim Awla tal-Qorti Civili kellha l-okkazzjoni f'diversi sentenzi fosthom "Ia**n Zahra vs Charles Demicoli et**" Rikors numru: 1548/99 deciza 23 ta' Mejju 2000, **Grima Marco vs Grima Rita** 1135/2002 deciza 17 ta' Gunju 2003, u **Waldonet Limited vs Thake David** Rikors numru: 1218/2001 deciza fit-03 t'April 2003, fejn sostniet li *"kull nuqqas li seta' sar mid-difensuri ta' l-istess*

*konvenut m'ghandux jimpedixxi lill-istess konvenut milli jigi moghti l-opportunita' li jiddefendi l-kawza li saret kontrih."*

**Kunsiderazzjonijiet ta' dan il-Bord ghall-kaz in ezami**

Illi skond ir-referta tal-marixxal fuq in-naha ta' wara ta' folio 24 tal-process, l-atti thallew f'idejn Jay Vella bin-numru tal-Karta tal-Identita 0178199M. Illi bl-istess ragunament tal-kawzi appena citati, allura, jekk tali nuqqas ikun gej minn terz, f'dan il-kaz li ma hux avukat u allura mhux persuna legali konsapevoli ta' termini legali eccetra, tali ragunament ghandu japplika wkoll fir-rigward ta' tali terzi.

In oltre fil-kaz odjern l-atti thallew f'idejn Jay Vella li huwa terz, ma hux impjegat tal-intimat u lanqas ma huwa membru tal-familja tieghu, jew ghall-anqas ma ngabu l-ebda provi dwar dan quddiem il-Bord.

Illi ghalhekk tali notifika ma tistax tkun kunsidrata valida stante illi notifika tista' tithalla f'idejn il-persuna mharrka personalment, jew l-impjegat tieghu jew ma' membru familjari tieghu.

Illi ghalhekk fuq dawn iz-zewg punti, l-Bord huwa tal-fehma li t-talba tal-intimat ghandha tigi milqugha.

Illi f'dan l-istadju, l-Bord ma hux se jidhol fl-ilment imressaq mill-istess intimat illi r-rikorrent kellu jressaq tali proceduri bil-lingwa Ingliza jew ghall-anqas jinnotifika lill-intimat bi traduzzjoni bl-Ingliz, galadarba l-istess atti qatt ma waslu ghandu u ghalhekk jekk hux bil-Malti jew bl-Ingliz f'dan l-istadju mhux punt daqshekk relevanti. Il-kaz kien ikun divers li kieku l-atti gew notifikati lill-intimat u kienu biss bil-Malti

meta l-iskritturi bejn il-partijiet saru bl-Ingliz u ghalhekk ir-rikorrenti huma konsapevoli tal-fatt li l-intimat ma jifhimx bil-lingwa Maltija.

Illi in oltre r-regola bazi fil-proceduri quddiem dan il-Bord hija li l-proceduri huma nformali u mhux rigidi u stretti daqs quddiem Qrati ohra, tant illi sahansitra jinghad li quddiem il-Bord odjern ma jithaddimx il-principju tal-kontumacja u l-intimat/i jistghu dejjem jressqu l-provi taghhom u jaghmlu l-kontro-ezamijiet u sottomissjonijiet sabiex jirribatti/u t-talbiet tar-rikorrenti.

Illi in oltre fil-kaz odjern, il-kawza ghada fil-bidu taghha u ghad lanqas bdew jitressqu provi minn naha tar-rikorrenti u ghalhekk r-rikorrenti mhu ser jbatu l-ebda pregudizzju, jekk tintlaqa' t-talba tal-intimat Cilia li jressaq risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord huwa tal-fehma li t-talba tal-intimat Adam Cilia ghandha tintlaqa' u konsegwentament qieghed jilqa' t-talba tal-istess intimat u jikkoncedilu zmien ghoxrin jum mil-lum ghar-risposta tieghu.

Spejjez ta' din is-sentenza riservati ghas-sentenza finali.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur